MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 34/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata CD fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Mejju elf disa’ mija sitta u tmenin(1986) kif juri c-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala **Dokument A**;

Illi in segwitu ghal dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom tifel wiehed Andre’ li llum huwa maggorenni;

Illi huma sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru elfejn u tlieta (2003) (kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata **Dokument B**) u minn dak iz-zmien ‘l hawn il-kontendenti baqghu jghixu separatament minn xulxin;

Illi l-esponenti jiddikjara li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skont kif ftehmu l-partijiet fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni, hadd minnhom ma kien tenut ihallas xi manteniment lill-parti l-ohra (klawsola 2 tal-kuntratt);

Illi huwa jixtieq jottjeni d-divorzju biex iz-zwieg imsemmi jigi mahlul;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall u x-xoljiment taz-zwieg bejn il-partijiet li gie kkontrattat fl-24 ta’ Mejju 1986;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bid-divorzju tal-partijiet u biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha fejn qalet inter alia illi madwar sena ilu il-partijiet kienu irrikonciljaw u kellhom x'jaqsmu anke sesswalment u ghalhekk il-Qorti tara illi ir-rikorrenti ma issodisfax ir-rekwizit mehtieg mill-Ligi fis-sens illi il-partijiet iridu jkunu ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tichad t-talbiet tar-rikorrenti; Bl-ispejjez kontra tieghu;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------